# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. DUNCAN BORG MYATT**

**Udjenza tal-31 t'Ottubru 2023**

**Talba nru. 173/2020**

**CARMEN SIVE KARMENA AQUILINA**
**(KI 501649)**

***VERSUS***

**ANGELUS SIVE ANGELO MICALLEF ET**
**(KI 836457M)**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviz tat-Talba ipprezentata fit-28 ta' Lulju 2020 (a fol 1 et seq), l-attrici talbet lill-konvenuti sabiex jigu kkundanati jhallsu l-ammont ta' elfejn u mitejn Ewro (Eur 2200.00 u/jew somma verjuri oltre l-VAT, in linea ta' senserija ghal bejgh/xiri ta' propjeta bejn il-bejjiegha Mary Vassallo u l-konvenuti, liema propjeta ggib l-indirizz tal-Bewwiela/tal-Blata Affrida l-Kbira jew ta' l-Imwiegel fi Triq Lapsi, Siggiewi permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Mary Grech Pace data 26 ta' April 2018. Bl-ispejjez inkluzi ta' l-ittri ufficjali tal-11 ta' Lulju 2018 u 17 ta' Dicembru 2019 bl-imghaxijiet kummercjali mis-26 t'April 2018.

Ra illi l-konvenuti u cioe Angelo Micallef, Rita Micallef, Kimberly Micallef u Justin Micallef ilkoll gew debitament notifikati fit-3 t'Ottubru 2020 kif jidher a fol.54 ta' l-atti processwali.

Ra illi fit-13 t'Ottubru 2020, il-konvenuti ipprezentaw risposta fejn fiha ecceppew illi l-attrici qed taghti piz kbir ghall-proceduri u sentenza bhala bazi ghall-azzjoni odjerna taghha izda f'dawn il-proceduri, la l-attrici w anqas ebda wiehed mill-erbgha intimati ma kienu parti u ghalhekk tali sentenza ma taghmilx stat ghall-partijiet odjerni. Illi fil-mertu, l-attrici hija intitolata ghal ebda ammont billi f'dan il-bejgh l-attrici la kienet sensara u anqas pprestat xi servizzi relattivi ghall-komprovendita billi is-sensar f'dan it-trasferiment ta' l-art fi Triq Lapsi is-Siggiewi kien Emanuel Bonello li thallas is-senserija ntiera dovuta lilu mill-intimati odjerni u li kif xehdet l-istess venditrici Maria Vassallo, l-attrici Carmen Aquilina kienet tqabbdet minnha in konnessjoni ma' bejgh ta' maisonettes fis-Siggiewi u mhux fuq l-art in kwistjoni. Illi l-istess attrici qed titlob is-somma ta'

Eur 2,200 bhala senserija izda kieku verament kienet is-sensara kienet tkun intitolata ghas-somma ta' Eur 4,400 cioe 1% tal-prezz u li allura dan jindika b'mod car illi l-attrici hija konsapevoli illi ma kienetx is-sensara. Illi mhux minnu illi l-intimati jew xi hadd minnom offra is-sommom imsemmija.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-process tal-kawza bin-numru 417/2018CZ fl-ismijiet "Emanuel Bonello vs Mary Vassallo" liema atti jiffurmaw parti minn dan il-process.

Sema x-xhiedha;

Ra l-atti processwali;

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet;

Ra li din il-kawza thalliet ghas-sentenza.

<u>Provi</u>

Illi qabel dan it-Tribunal jghaddi sabiex jaghmel il-kunsiderazzjonijiet tieghu, ikun utli li tinghata sintezi tal-provi migbura.

Illi bhala parti mill-provi taghha, l-attriciipprezentat l-inkartament tax-xhieda prodotta fil-kawza li taghha issir referenza ghaliha fit-talba u li d-decizjoni taghha giet annessa ma' l-istess talba. Ghaldaqstant din ix-xhieda, li iffurmat parti mill-kawza 417/2018 quddiem dan it-Tribunal diversament presedut, qieghda ghall kull effett tal-ligi tigi meqjusa bhala parti mix-xhieda f' din il-kawza u sabiex jigi analizzat il-mertu ta' din it-talba dan it-Tribunal ser jaghmel riassunt ta' dak li gie prodott.

Ix-xhud Emanuel Bonello jghid illi Mary Vassallo, il-venditrici, kienet qabbdet lilu sabiex isibilha bejgh ghal zewg ghelieqi, tlett maisonetes u tlett garages u plot li ghadu ma nbeniex. "*Qaltli ghandi pjacir inqabbad lilek, hudli daqxejn hsiebom dawn, qaltli ara tbieghomliex. Dawk li tbiegh inti ntik bil-1% qaltli dawk li ma tkunx bieghejt inti ntik xi haga milli nkun bieghejt, bil-grazzja tieghi.*" (Fol.61) Ix-xhud kompla jghid illi, *". . . . hmistax-il gurnata cemplitli din Maria Vassallo, qaltli isma, qaltli tista tigi illejla ghal xi hamsa u nofs ghax gejjin xi nies kemm jaraw l-ghalqa. Ghidtilha iva ghidtilha f'dan il-kaz jien kemm immur nifthilom ma kontx is-sensar jien fiha din. U kien Anglu Micallef, certu wiehed Anglu Micallef.*" F'din l-okkazzjoni Angelo Micallef wera interess fuq il-plot flok l-ghalqa u staqsa lix-xhud kemm kienet it-talba ghal din l-ghalqa. Ix-xhud wiegeb li kien ikun ahjar jekk imorru jkellmu dirett lil venditrici Mary Vassallo u fil-fatt hekk sar u sar negozjar fuq il-prezz fuq il-plot. Xi ftit tal-jiem wara kien sar il-konvenju fuq dan il-plot.

Emanuel Bonello jghid illi meta kellu jsir il-kuntratt il-venditrici ma kienetx deheret fuq il-kuntratt u ghaldaqstant dan gie pospost. Wara ftit zmien sar jaf minghand Anglu Micallef li kien sar il-kuntratt f'gurnata ohra u dan Anglu, qua konvenut, kien mar biex ihallas senserija lix-xhud – "*Ghax ahna lil dan ahna bieghejniha din u dan gie tani sitt mija f'idi cash u tani cheque ta' erbgha t'elef, bil-1%.*"

Fix-xhieda ta' Rita Micallef fil-kawza 417/2018, li allura hija konvenuta wkoll f'din il-kawza u li tigi mart Angelo Micallef, qalet li hija iffirmat cekk ta' erbat elef li hareg a favur Emanuel Bonello bhala senserija fuq bicca art is-Siggiewi.

Justin Micallef, it-tifel ta' Angelo u Rita Micallef jghid illi huwa kien xtara kwart tal-propjeta u li kien prezenti ghal kuntratt biss. In-nutara Mary Grech Pace esebit il-kuntratt li kien sar bejn Mary Vassallo u Angelo u Rita Micallef u Justin u Kimberley Micallef ta' bicca art fis-Siggiewi. Ix-xhud tghid illi, "*Dakinhar tal-kuntratt ma kienetx prezenti l-bejjiegha ghaliex kienet tat prokura lil certu Nikol Cutajar biex jifdher hu f'isimha u ma jidhirliex illi dak il-hin waqt il-kuntratt tkellimna fuq senserija.*"

Nikol Cutajar ighid illi huwa dahal fix-xena wara l-konvenju u dan sabiex bis-sahha ta' prokura jkun jista jidher ghal venditrici Vassallo.

Fil-kontro ezami, Emanuel Bonello, (a fol.78 et seq) itenni illi huwa kien sensar fuq il-plot u mhux fuq l-ghalqa u fil-fatt huwa kien mar biss biex jiftah ir-rixtellu ta' l-ghalqa meta kien hemm min kien interessat biex jara l-ghalqa. Eventwalment ix-xhud, waqt li kienu mexjin lura mill-ghalqa kien informa lill-konvenut Angelo Micallef li kien hemm plot ghal bejgh.

Rita Micallef tghid illi minhabbali r-ragel taghha Angelo ma jafx jaqra u jikteb, kienet hi li kitbet ic-cekk tas-senserija lil Emanuel Bonello.

Illi bhala parti mix-xhieda ipprezentata fil-kawza 417/2018 hemm l-affidavit ta' Mary Vassallo li kienet il-venditrici. Ix-xhud tghid li kienet ilha taf lis-sensara Karmena Aquilina ghal hafna snin. Tghid illi, "*fil-gurnata li kelli niltaqa ma' Karmena Aquilina u max-xerrej, kien hemm ghandi certu Leli Bonello u l-mara tieghu Georgina Bonello*." Tkompli tghid illi meta Karmena Aquilina marret ghand Mary Vassallo, Leli Bonello "*tah ferh ta' genn*", x hin ra min kien ix-xerrej, li kien bilqieghda fil-karozza ma' l-attrici. Ix-xhud tghid illi tiftakar lil Anglu Micallef ighid lill-mara tieghu Rita "*hu l-Karmena d-dar ghaliex ahna sejrin sa Lapsi.*" Wara li telqet Karmena Aquilina, Leli Bonello ha lil Anglu Micallef taht idejh u hadu ghand Mary Vassallo biex isir ftehim fuq l-art. Mary Vassallo tghid illi wara li kien sar il-kuntratt tal-bejgh, hija kienet marret ghand Karmena Aquilina sabiex thallasha Eur 4000.00 senserija ghaliex hi kienet li gabet lix-xerrej. Ix-xhud tkompli tghid illi "*kont sorpriza kif Anglu Micallef ma riedx ihallas lil Karmena Aquilina s-senserija minhabba li hu jaf sewwa li kienet hi li gabitu ghandi mhux Leli Bonello.*"

Permezz ta' affidavit, xehdet ukoll Karmen Aquilina li qalet li kienet saqsiet lil Mary Vassallo jekk kelliex xi art ghal bejgh minhabba li kien staqsiha Anglu Micallef. L-attrici f'din il-kawza tghid illi kienet marret flimkien ma' Anglu Micallef ghand Mary Vassallo biex jiftehmu fuq il-prezz ta' din l-art. Minkejja illi Anglu Micallef beda jittratta ma' Mary Vassallo minn wara dahar l-attrici, l-konvenut Anglu Micallef xorta kellu jirrikorri ghandha ghaliex ma setax jintlahaq ftehim.

Minkejja dan kollu, wara li sar il-kuntratt finali, il-konvenut baqa qatt ma hallas is-senserija dovuta:- "*Illi darba kien gie d-dar tieghi flimkien mal-mara tieghu u qaluli li jiena ma kontx imnizzla fuq il-kuntratt u kull senserija kienet dovuta lil Leli Bonello minhabba li kien hu li ghenhom biex jixtru l-propjeta minghand Mary Vassallo."* (Fol. 95)

L-attrici tkompli tghid illi filwaqt li hija kienet thallset minn Mary Vassallo, il-konvenut kien offra li jhallasha Eur 700 bhala senserija u wara Eur 1000 u anke Eur 2000 izda l-attrici baqghet tinsisti illi riedet Eur 4,400.

Matul il-kontro ezami, Mary Vassallo tghid illi hija qatt ma qabbdet lil Leli Bonello biex ibiegh xi maisonettes li kellha. A Fol.99, ix-xhud tghid illi kien hemm okkazzjoni meta Leli Bonelli kien gab lil xi hadd sabiex jixtri maisonette. Ix-xhud tghid illi Leli Bonello kien ha lil huh Angelo Bonello sabiex jixtri l-istess propjeta izda dan ma kienx wasal. Sussegwentament, Leli Bonello kien ha lil Anglu Micallef sabiex jixtri l-art. Ix-xhud tikkonferma illi hija hallset erbat elef Ewro senserija lil Karmena Aquilna ghaliex hi kienet li gabet lil Anglu Micallef. Izda a Fol. 104 ix-xhud tghid illi hija kienet offriet lil Emanuel Bonello, l-ammont ta' Eur 2000 bhala senserija minflik l-ammont ta' Eur 4600.

L-attrici in kontro ezami (Fol.107 et seq) tghid illi hija hbieb ma' Mary Vassallo u li hija kienet laqqet lill-konvenut ma' Mary Vassallo sabiex jixtri l-art ta' Lapsi.

Illi fil-kawza odjerna, l-attrici ipprezentat affidavit b'zieda ma' dak li xehdet fil-kawza 417/2018CZ, fejn ikkonfermat illi hija ma rceviet l-ebda hlas minghand il-konvenut u li hija qed titlob l-ammont ta' Eur 2200 "*minhabba li dan kien l-ammont li skond it-Tribunal ghal Talbiet Zghar permezz ta' sentenza sopracitata stabbilixxa bhala l-ammont dovut ghas-senserija fuq dan il-bejgh, hekk kif skond l-istess Tribunal l-attur kien jisthoqqlu biss nofs is-senserija minhabba is-sehem kbir tieghi f'dan il-bejgh*."

Illi fl-udjenza tad-9 ta' Dicembru 2021, xehdet l-attrici in kontro ezami li insistiet illi hija ma' kienetx prezenti ghall-kuntratt minhabba li kienet waqghet u wegget. L-attrici terga ttenni illi Mary Vassallo hallsitha Eur 2440 bhala senserija, izda ma tiftakarx kemm kien il-prezz tal-bejgh ta' l-art. L-attrici tghid a Fol. 350 illi qed tippretendi dan l-ammont ta' Eur 2440 minghand il-konvenut ghaliex il-venditrici Mary Vassallo tatha dan l-ammont ghal sehemha bhala senserija. Tul il-kontro ezami, l-attrici tghid (Fol. 351) " *.. . . Maria tatni erbat elef u mitejn u erba mija u dawk, u giet u haditli nofs. . . .*" Bil-flus li hadet lura Mary Vassallo, l-attrici tghid illi thallas Emanuel Bonello.

Il-konvenut Angelo Micallef xehed permezz ta' affidavit (Fol. 357 et seq) li jghid, "*Karmena Aquilina qaltli illi Mary Vassallo ghandha ghalqa ghall-bejgh u urietni fejn toqghod din Mary Vassallo; sussegwentament jiena mort id-dar ta' Vassallo, biex nara fejn kienet l-ghalqa sabiex nikkonstata jekk kienetx tinterressani; meta din Mary Vassallo qaltli fejn kienet l-ghalqa, jiena kkonstatajt li kienet f'zona ODZ li allura tlift l-interess fiha. Dak il-hin li kont fid-dar ta' Vassallo, kien hemm certu Leli Bonello, mlaqqam iz-Zibgi . . . . . . . Meta kont qed nitkellem ma' Mary Vassallo dwar l-ghalqa u bdejt nitlef l-interess fiha, qabez dan Leli Bonello u qalli li Vassallo kellha plot li tghodd ghalija billi din kienet art fabbrikabbli.*" Il-konvenut ighid illi wara li ghamel il-konvenju fuq dan il-plot, kienet cemplitlu l-attrici u talbitu s-senserija. Izda l-konvenut wegibha illi qat ma kienet semmietlu dan il-plot u ghaldaqstant ma kienetx intitolata ghas-senserija.

Fl-udjenza ta' l-24 ta' Marzu 2022, xehed Emanuel Bonello li qal li lill-konvenut ilu jafu mit-tfulija. Ix-xhud ighid illi lill-konvenut kien "*geghlu jixtri plot*" u dan wara illi Mary Vassallo kienet afdatu bil-propjetajiet taghha sabiex isibilha l-bejgh. Ix-xhud ighid illi Mary Vassallo kienet qaltlu sabiex imur jiftah ir-rixtellu ta' l-ghalqa ghaliex kien gej il-konvneut biex jara din l-art. Jghid illi meta marru l-ghalqa, kien hemm sensara, u meta il-konvenut kien saqsa lis-sensara dwar il-prezz, din wegbitu biex imorru direttament jitkellmu mal-venditrici. Sussegwentament, ix-xhud iltaqa mal-konvenut u qallu, " *. . . .ghandi plot Maria Vassallo, u ghidtlu trid tixtrih? Qalli fejn qieghed. Ghidtlu hemm fejn id-dar taghha. Qalli imxi ha narawh. . . .*" Finalment il-konvenut kient ftiehem sabiex jixtri din il-plot ghal Eur 460,000. Ix-xhud ighid illi huwa thallas Eur 4600 minghand il-konvenut bhala senserija. Mistoqsi jekk thallasx ukoll minghand il-venditrici, ix-xhud wiegeb,

"*Minghand Vassallo spiccajna bil-banda wkoll ghax qaltli mhux ha ntik kollox, qaltli ha ntik nofshom, qaltli ghax ha naghti nofsom lil Carmen. . .*" Ix-xhud kien saqsa lil Mary Vassallo ghalfejn kienet ser thallas lil Carmen Aquilina u t-twegiba kienet "*Qaltli imma hi gabitu hemm l-Anglu*". Ix-xhud ighid illi Carmen Aquilina kienet hadet lill-konvenut sabiex jara l-ghalqa u mhux il-plot. Ix-xhud ighid ukoll illi l-plot u l-ghalqa mhumiex hdejn xulxin. Jghid illi n-negozju sar fi ftit hin – kif ix-xhud wera l-plot lill-konvenut, marru dritt id-dar tal-venditrici u ftehmu kollox hemm u wara xi erbat ijiem sar il-konvenju.

Fl-udjenza tat-22 ta' Gunju 2022, xehedu il-konvenut u l-mara tieghu in kontro ezami. Il-konvenut ighid illi Carmen Aquilina kienet haditu l-ewwel darba izda ppreferixxa l-plot minflok l-ghalqa li urietu l-attrici. Izda l-konvenut ighid illi fuq il-plot kien hemm sensar iehor. Il-konvenut jikkonferma (Fol. 372) illi l-attrici kienet haditu ghand il-venditrici Vassallo izda l-iskop kien sabiex jara l-ghalqa. Il-konvenut ighid illi "*Jiena dan ghand Mary Vassallo darba mort u intrigajt mill-ewwel.*" Mistoqsi mit-Tribunal direttament min hadek gewwa l-ghalqa partikolari – ix-xhud wiegeb illi Karmni Aquilina. Il-konvenut jghid illi dakinhar meta mar id-dar tal-venditrici, kien hemm l-attrici fil-karozza barra. Meta dahal gewwa kien hemm Leli Bonello u f'madwar ghoxrin minuta li dam ghand il-venditrici kien iddecieda li se jixtri l-plot u mhux l-ghalqa. (Fol.376). Il-konvenut jghid li qabbad lil mara tieghu tiehu lill-attrici d-dar ghaliex galdarba ma kienx se jsir in-negozju fuq l-ghalqa izda fuq il-plot, ma kienx hemm ghalfejn tibqa maghhom.

Il-konvenut ighid (Fol.379) illi "*Jiena darba cemplitli u mort nghaddilha xi haga*". Mistoqsi ghalfejn mar jghaddilha xi haga tal-flus, il-konvenut wiegeb illi "*biex speci ma toqghodx iccemplilli u ddejjaqni speci.*" Minkejja li jghid dan, il-konvenut ma jiftakarx kemm kien offrielha flus.

Rita Micallef, mart il-konvenut, fil-kontro ezami tghid illi ma tafx ghaliex l-attrici baqghet fil-karozza minkejja li kienet hi li hadithom ghand il-venditrici. Ix-xhud tikkonferma li kienet l-attrici li haditom ghand il-venditrici.

<u>Ikkunsidra</u>

Illi primarjament, dan it-Tribunal jirrileva illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, l-konvenut jghid illi d-dokumenti kollha pprezentati u li jiffurmaw parti mill-kawza 417/2018CZ ghandhom jigu skartati jew addirittura sfilzati minn dan it-Tribunal. Fuq dan il-punt, it-Tribunal jinnota illi tali dokumenti jiffurmaw parti mill-atti processwali u li fl-ebda stadju tal-proceduri ma kien hemm talba formali jew xi ordni sabiex dawn jigu sfilzati. Ghaldaqstant dan it-Tribunal ser jiehu in konsiderazzjoni taghhom stante illi sabiex jasal ghal konkluzjoni tieghu, dan it-Tribunal irid jizen l-atti processwali kollha li jkollu quddiemu. Wara kollox, l-istess konvenut fl-istess nota tieghu, jaghmel referenza ghal partijiet minn xhieda moghtija fil-kawza citata.

Illi kif ser jigi spjegat aktar' 'l isfel, dan it-Tribunal iqis illi l-provi prodotti f'din il-kawza huma cari minnom infusom u legittimi sabiex iwasslu ghac-certezza morali, minghajr l-assistenza jew rinforz ta' xhieda ohra prodotta fil-kawza imsemmija.

Illi din il-kawza citata tittratta l-istess fatti izda filwaqt illi f'dik il-kawza kien Emanuel Bonello li talab is-senserija lil Mary Vassallo bhala venditrici, fil-kawza odjerna hija Carmen Aquilina li qed titlob is-senserija minghand ix-xerrej rigward l-istess art mibjugha.

Illi ghaldaqstant, dan it-Tribunal ser jiccita partijiet relevanti ghal din it-talba, mid-decizjoni tal-kawza 417/2018. Fil-konsiderazzjonijiet tieghu, dan it-Tribunal, diversament presedut, jinnota illi, "*Is-sensara Carmen Aquilina iddikjarat illi kienet hi li ressqet lil Angelo Micallef lejn il-konvenuta, tant illi rrizulta li mar ghand il-konvenuta ma' Angelo Micallef tard filghaxija, dakinhar stess li Aquilina kienet hadet lill-istess Micallef ghand il-konvenuta*."(Fol.331)

Illi fil-kunsiderazzjonijiet tieghu t-Tribunal ikompli jghid, "*Illi t-Tribunal ghalhekk ma jistax jiskarta l-involviment ta' l-istess Aquilina fil-bejgh ta' l-istess art. It-Tribunal wara li ra x-xhieda, huwa konvint illi fil-verita kienet din Aquilina illi fl-ewwel lok qarrbet lil Angelo Micallef lejn il-konvenuta.*" Fil-kunsiderazzjonijiet ikompli jinghad, "*Illi t-Tribunal wara li qies il-provi u l-grad tal-prova mehtieg u wara li kkunsidra l-gurisprudenza appena imsemmija, jirrizultalu ghalhekk li dan huwa iktar kaz fejn Aquilina ghamlet ix-xoghol tal-bidu, fis-sens li sabet xerrej prospetiv . . . .*" (Fol.335)

Illi minkejja illi dan it-Tribunal kif presedut mhux marbut bil-konkluzjonijiet tal-kawza fuq citata li tirrigwarda l-istess fatti, wara analizi tal-provi migbura f'dik il-kawza kif ukoll dawk prodotti f'din il-kawza, dan it-Tribunal huwa moralment konvint illi jasal ghall-istess konkluzjonijiet u cioe illi l-attrici kellha sehem fil-bejgh tal-propjeta.

Illi dan it-Tribunal wasal ghall-istess konkluzjonijiet a bazi tas-segwenti fatti li gew ppruvati anke f'din il-kawza, indipendentament mill-kawza fuq citata:

Illi l-venditrici Mary Vassallo insistiet illi kienet l-attrici illi ressqet lill-konvenut ghandha. Issa hawnhekk jista jkun hawn lok illi originarjament l-iskop kien sabiex tinxtara l-ghalqa u mhux il-plot. Izda huwa fatt mhux kontestat u konfermat anke mill-konvenut stess illi l-attrici hadet lill-konvenut ghand il-venditrici. Il-fatt illi l-konvenut kien offra flus lill-attrici u li ma jiftakarx kemm kien l-ammont, minbarra li jikkonferma l-fatt illi l-attrici hija dovuta flejjes minghandu, iqajjem dubji fuq il-veracita tal-mod kif xehed. L-istess jinghad ghal mod kif il-konvenut ighid illi meta mar ghand il-venditrici, sab lil Leli Bonello u f'temp ta' ghoxrin minuta, biddel hsiebu li jixtri l-ghalqa u sahansitra ghalaq in-negozju fuq plot. Dan it-Tribunal huwa konsapevoli wkoll ghall-fatt illi l-konvenut jaghti zewg verzjonijiet differenti ta' kif sar jaf bil-plot. Fix-xhieda tieghu bhala xhud fil-kawza sopra citata, kien qal illi kien iltaqa ma' Leli Bonello u marru fuq il-post biex jaraw l-ghalqa u li dakinhar dan Leli Bonello kien qallu li l-venditrici ghandha plot interessanti. Izda fil-kawza odjerna, l-konvenut qal li meta l-attrici haditu ghand il-venditrici u dahal id-dar taghha, sab lil Leli Bonello li qallu b'dan il-plot.

Illi l-istess venditrici Mary Vassallo tikkonferma illi hija hallset parti mis-senserija lill-attrici. Fl-istess hin l-venditrici irriffjutat illi thallas s-senserija kollha lil Leli Bonelli u dan fi kliemha ghaliex ma kienx ghamel ix-xoghol kollu hu izda kien hemm l-intervent ta' l-attrici. It-Tribunal huwa tal-fehma li l-venditrici zgur ma kienetx ser thallas flejjes inutli lil l-attrici li kieku l-intervent ta' din ta' l-ahhar ma kienx minnu. Mizjud ma' dan, il-fatt illi l-konvenut bl-aktar mod car ikkonferma quddiem dan it-Tribunal li kien offra flus lill-attrici jkompli jikkonferma rikonoxximent ta' l-intervent ta' l-attrici.

Illi huwa evidenti kemm mill-provi imressqa fil-kawza quddiem dan it-Tribunal diversament presedut, kif ukoll mill-provi prodotti f'din il-kawza, illi l-attrici kellha involviment fil-bejgh bejn Mary Vassallo u l-konvenut. Dan it-Tribunal huwa tal-fehma li wara li l-attrici hadet lill-konvenut ghand Mary Vassallo sabiex isir negozju, Leli Bonello li inzerta kien ghand din Mary Vassallo ha l-

opportunita sabiex jintrometti ruhu bhala sensar meta l-attrici kienet ga ghamlet x-xoghol introduttorju. Minn dan il-hin Leli Bonello u l-konvenut hadmu, inkluz bl-iskuza li kienu sejrin sa Lapsi, sabiex jeskludu lill-attrici. Sahansitra l-konvenut qabbad lil mara tieghu sabiex tiehu lill-attrici lura d-dar minghajr ma ta l-ebda sodisfazzjon ta x' intqal meta dahal ghand Mary Vassallo.

Illi ma hemmx dubju illi l-attrici ma ezewgwitx l-inkarigu taghha bhala sensala kompletament stante illi lanqas taf il-prezz maqbul kemm kien. Il-gurisprudenza hija konsistenti f'dan ir-rigward, illi persuna tkun intitolata ghal senserija jew kummissjoni appattwita kemm-il darba juri li jkun hu li wassal lill-partijiet ghall ftehim definittiv fuq il-kundizzjonijiet kollha. (*Ara "Anthony Degiorgio vs Stephen Degiorgio, Appell Inferjuri, 23/11/2005*)

Illi dan it-Tribunal huwa tal-fehma, mix-xhiedha prodotta quddiemu, illi kien sar kull tentattiv fl-ahhar partijiet tan-negozju sabiex l-attrici tigi skartata u eskluza. Illi it-Tribunal jaqbel mat-tezi tal-konvenut, illi l-attrici ma tistax titlob hlas ghal senserija ghaliex ma jinkorrux l-elementi kollha mitluba mil-ligi sabiex tkun intitolata ghal dan il-hlas. Izda ma hemmx dubju illi persuna li tkun ikkontribwixxiet sabiex isir negozju tista tkun intitolata ghal kumpens.

Illi ghal dawn il-motivi sopra citati, dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi t-talba attrici ghandha tigi akkolta, fis-sens illi l-attrici bl-involviment taghha ghandha tinghata kumpens ghaliex ma hemm l-ebda dubju li kienet hi li laqqet lill-konvenut mal-venditrici.

**Decide**

Ghaldaqstant, dan it-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu l-ammont ta' elfejn u mitejn Ewro (Eur 2200) lill-konvenuta bl-imghaxijiet bir-rata ta' 8% fis-sena fuq dan l-ammont dekorribbli mit-28 ta' Lulju 2020 li jibqa' ghaddej u jiddekorri sad-data tal-hlas effettiv u finali. L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri huma kollha a kariku tal-konvenuti.

**Avv. Duncan Borg Myatt**
Gudikatur